Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 53/2015

**Go plc (appellata)**

**Vs**

**Anthony Spiteri (appellant) u b'digriet tat-12 ta' Gunju 2015 Nicholas Spiteri giet awtorizzat jintervjeni *in statu et terminis***

28 ta' Lulju, 2017.

1. B'sentenza tal-25 ta' Novembru, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u disghajn ewro u hamsa u hamsin centezmu (€498.55) dovuta in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru AC 40144630.

2. Quddiem it-Tribunal il-konvenut kien qieghed isostni li mhuwiex legittimu kontradittur ghaliex kien sar transfer tas-servizz fuq Nicholas Spiteri li kien lest jiehu s-servizz f'ismu. F'kull kaz ikkontesta li l-ammont hu dovut.

3. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

   *"Il-konvenut u l-intervenut qed jinvokaw il-preskrizzjoni ta' hames snin u li skont huma l-hames snin bdew jiddekorru mill-20 ta' Jannar, 2010 mentri l-kawza giet intavolata fit-23 ta' Jannar 2015. Izda kif sewwa jghid l-Avukat tas-socjeta attrici kien sar pagament ta' tletin ewro u sebgha centezmi (€30.07) fit-30 ta' Settembru, 2010 (fol. 2) u ghalhekk b'dan il-pagament il-preskrizzjoni giet interrotta ghal hames snin ohra cioe' sat-30 ta' Settembru 2015.*

   *Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.*

   *Dwar il-meritu, jigi rilevat li s-servizz inghata u ma hemm ebda kontestazzjoni dwar dan. L-argument tal-konvenut u l-kjamat in kawza li l-prova tal-verzjoni taghhom kellha ssir mis-socjeta attrici ma hix legalment tenibbli tenut kont li min jallega jrid jipprova. Kif lanqas jista' dan it-Tribunal jqis bhala gustifikazzjoni l-ilment taghhom li l-kuntratt li gie ffirmat mill-attur mas-socjeta attrici huwa wiehed kumplikat u dan ghaliex sta ghalih li jkun konvint li qed jifhem dak li qed jiffirma ghalih".*

4. Fid-19 ta' Dicembru 2016 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu relatat mal-apprezzament tal-provi. Il-konvenut ghadu jsostni li l-ammont

mitlub mhuwiex dovut ghaliex fl-20 ta' Jannar 2010 kien sar trasferiment tal-imsemmi servizz fuq l-intervenut fil-kawza. Inoltre, il-konvenut qatt ma gie nterpellat sabiex ihallas u d-dokumenti li talab l-appellant ma kinux instabu. Dan apparti li jekk ma kienx qieghed isir hlas, is-servizz suppost gie interrott.

5. L-appellata wiegbet li:

   (a) L-appell ma giex prezentat fit-terminu kontemplat mil-ligi.
   (b) L-appellant m'ghandux jedd jappella skond l-artikolu 8(2) u (3) tal-Kap. 380.
   (c) F'kull kaz is-sentenza tat-Tribunal hi gusta u timmerita konferma.

6. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

7. **Fatti.**

   i. Fl-20 ta' Jannar, 2010 il-konvenut iffirma Internet Service Contract Agreement, bil-username roverv8 (ara kuntratt a fol. 4).
   ii. Skont il-kuntratt is-servizz gie installat fil-fond Holy Family, Triq tal-Barrani, Zejtun.
   iii. Skont ir-rendikont li pprezentat l-attrici, hemm inhargu kontijiet fil-perjodu bejn l-1 ta' Marzu, 2010 u t-2 ta' Mejju, 2013 b'total ta' €632.61. Saru hames pagamenti b'total ta' €133.06. L-attrici harrket lill-konvenut ghall-bilanc ta' €498.55.

8. Is-sentenza tat-Tribunal inghatat fil-25 ta' Novembru 2016 filwaqt li fid-19 ta' Dicembru 2016 l-appellant ipprezenta r-rikors tal-appell. Dan ifisser li l-appell kien prezentat wara l-ghoxrin (20) jum li fih kellu jsir (artikolu 8(1) tal-Kap. 380).

9. Peress li l-ammont tat-talba hu €498.55, appell mis-sentenza seta' jsir biss minhabba wahda mir-ragunijiet li tissemma fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380. L-appell tal-konvenut mhu xejn ghajr kritika ghall-evalwazzjoni tal-provi li ghamel it-Tribunal. L-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni tat-provi issir mit-Tribunal, u fejn l-ammont in kwistjoni hu inqas minn €1,500 mhemmx dritt ta' appell. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti: **Mariano Pace et vs Anthony Theuma** (2 ta' Mejju, 2001); **Grima Communications Company Limited vs Charles Farrugia** (5 ta' Marzu, 2003); **Stephen Chircop vs Mary Grace Caruana** (28 ta' April, 2004).

10. L-appellant isostni li mill-provi kien irrizulta li fl-20 ta' Jannar 2010 is-servizz kien gie trasferit f'isem l-intervenut fil-kawza. L-istess qal l-intervenut huh. Pero' provi dokumentarji li sar tali transfer mhemmx. **Il-prova li saret hi li fl-20 ta' Jannar, 2010 l-appellant iffirma kuntratt ghas-servizz tal-**

**internet**. Dan ifisser li l-appellant hu responsabbli ghad-dejn relatat ma' dak il-kuntratt. Inoltre fuq bazi ta' probabbilta jekk kull ma ried l-appellant hu li jsir transfer tas-servizz minn fuq ismu ghal fuq isem huh, dejjem jekk dan kien possibbli, ma kienx ser jiffirma l-kuntratt li hemm a fol. 4. Il-qorti ma tara xejn irregolari fir-ragunament li ghamel it-Tribunal sabiex wasal ghal konkluzjoni li wasal ghaliha.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara li l-appell hu null. Spejjez a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.